**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 11 ta' Gunju, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-vs-**

**Antoine k/a David Monsigneur detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 490171M**

***Kumpilazzjoni Nru. 366/2013***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Antoine k/a David Monsigneur u ċioè talli:

1. Fix-xahar ta' Jannar, 2013 u/ jew Frar, gewwa dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94 euro) izda ma jeccediex l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu, ghad-dannu ta' Bernardette Cachia, u/jew Cathleen Cachia u/jew Bank of Valletta plc, u dan rigward cekk tal-Bank of Valletta bin-numru 216 mahrug fuq kont bankarju bin-numru 40018494312.

2. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza, u dan rigward cekk tal-Bank of Valletta bin-numru 216 mahrug fuq kont bankarju bin-numru 40018494312.

3. B'hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49,50 u 289 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-magistrati Malta liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghajr ghal addebitu tar-recidiva.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2013, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-20 ta' Frar, 2018.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi wara li l-Qorti ezaminat is-sentenzi esebiti issib li l-imputat hu recidiv fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali biss u mhux ai termini tal-artikoli 50 u 289 ukoll.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-ammissjoni tieghu, il-fedina penali mtappna tieghu, u tac-cirkostanzi l-ohra kollha fosthom li fl-interrogatorju tieghu kien ammetta l-involviment tieghu mill-ewwel.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 183, 184, 308 u 310(b)[1] tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghoxrin (20) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal tlett (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[1] Il-piena fis-sehh fiz-zmien meta sehhew ir-reati u cioe` dik in vigore qabel l-emendi introdotti bl-***Att XXIV tal-2014*** kienet dik ta' prigunerija minn hames xhur sa tlett snin.